**QORTI ĊIVILI**
**PRIM'AWLA**

**ONOR. IMĦALLEF**
**ROBERT G. MANGION**

**SEDUTA TAT-28 TA' MARZU 2019**

**Kawża Nru: 1**

**Rik. Nru. 120/2019RGM**

**Av. Thomas Bugeja kif debitament awtorizzat bħala mandatarju speċjali ta' Ingmar Hoppner**

**vs**

**EveryMatrix Ltd**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors tas-soċjeta EveryMatrix Ltd ppreżentat fl-atti tal-kawża 867/2018 fit-8 ta' Frar 2019, li permezz tiegħu ppermettiet u talbet is-segwenti:

1. Illi nhar is-7 ta' Awissu 2018 l-attur talab u ottjena dakinhar stess mandat ta' sekwestru kawtelitorju bin-numru 1276/2018 kontra s-soċjeta esponenti fl-ammont ta' EUR 120,300, kopja ta' liema hawn annessa u mmarkata bħala **Doc A** kif ukoll silta mis-sitt elettroniku tal-Qrati Maltin fejn turi d-data tad-digriet illi jakkorda l-imsemmi mandat;

2. Illi *ai termini* tal-artikolu 843 (1) tal-Kapitolu 12 tal-liġijiet ta' Malta l-attur kellhu jagħmel kawża għal jedd imsemmi fil-mandat fi żmien għoxrin jum mill-ħruġ tal-mandat, u dawk l-għoxrin jum skadew fis-27 ta' Awissu 2018;

3. Illi minn stħarrig li sar mis-soċjeta esponenti, jirriżulta illi l-attur ippreżenta rikors ġuramentat bin-numru 867/18 nhar it-28 ta' Awissu 2018 in segwitu tal-mandat hawn fuq ċitat u ċioe jirriżulta illi l-attur ma rrispettax il-provediment tal-artikolu 843 (1) kif kien marbut bil-liġi illi jagħmel peress illi ma fetaħx kawża fiż-żmien stipulat fil-liġi. Kopja tar-rikors ġuramentat u silta mis-sit elettroniku tal-Qrati Maltin qegħedin jiġu hawn annessi u mmarkati bħala **Doc B** u fejn juru biċ-ċar id-data mmarkata bħala t-28 ta' Awissu 2018 bħala d-data illi l-attur fetaħ il-kawża**;**

4. Illi r-rekwiżiti tal-artikolu 843 (1) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta huma karenti u gialadarba l-attur ma rrispettax il-provvedimenti tal-liġi ċioe, illi jiftaħ il-kawza fiż-żmien għoxrin jum mill-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru, skond l-artikolu 843 (2) tal-kapitolu 12 tal-liġijiet ta' Malta, jekk is-sekwestrant jonqos mill jagħmel il-kawża mingħajr raġuni tajba, l-effetti tal-mandat jieqfu u huwa jkun responsabbli għad-danni u l-imgħaxijiet kollha. Illi għalhekk fil-każ odjern l-effetti tal-mandat bin-numru 1276/2018 m'għadhomx aktar fis-seħħ.

5. Illi *ai termini* tal-artikolu 836 tal-kap 12 tal-liġijiet ta' Malta, l-intimat li jkun inħareġ att kawtelatorju kontrih (f'dan il-każ is-soċjeta EveryMatrix Limited) jista' jagħmel rikors lill-Qorti li tkun qegħda tittratta dik il-kawża li fih l-intimat jitlob li l-att kawtelatorju jiġi revokat fil-każ illi l-att kawtelatorju

m'għadux aktar fis-seħħ u għalhekk dan ir-rikors qiegħed jitressaq fl-atti tal-kawża ai termini tal-artikolu 836 (1) (a) tal-kap 12 tal-liġijiet ta' Malta;

6. Illi din ir-regola proċedurali li tirrikjedi li l-allegat kreditur jistitwixxi kawża fiż-żmien stipulat fil-liġi sabiex jiddeduċi l-pretensjoni tiegħu qegħda biex tassigura li l-istitut tal-mandati kawtelatorji ma jiġix abbuzat, kif faċilment jista' jiġri, bil-ħsieb li jivvessa lill-allegat debitur u għalhekk fil-każ odjern l-attur b'mod ċar u oġġettiv ma rrispettax il-kriterji essenzjali tal-mandat kif inhu previst fl-artikolu 843 (1) u għalhekk jagħti lok li jiġu imposti penali fuq l-istess attur u dan ai termini tal-Artikolu 836 (8) (a) tal-kap 12 tal-liġijiet ta' Malta.

Għaldaqstant, s-soċjeta esponenti umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tordna li a spejjeż tal-attur, jiġi revokat il-mandat ta' sekwestru bin-numru 1276/2018 *ai termini* tal-artikolu 836 (1) (a) tal-kap 12; u in oltre

2. Tikkundanna lill-attur jħallas dik il-penali stabbilita minn din l-Onorrabli Qorti ai termini tal-artikolu 836 (8) (a) li tmur favur is-soċjeta rikorrenti;

bl-ispejjeż u mingħajr preġudizzju għal kwalsiasi dritt ieħor tal-esponenti, inkluż dawk li jitlob danni u imgħaxijiet.

Rat ir-risposta tal-Avukat Thomas Bugeja nomine tal-5 ta' Marzu 2019 li permezz tagħha eċċepixxa:

1. Illi r-rikorrenti talab il-hrug ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 1276/2018 kontra s-socjeta konvenuta fl-ammont ta EUR 120,300. Din it-talba intlaqghet nhar is-7 ta' Awissu 2018.

2. Illi permezz ta' cedola ta' depozitu datata 31 ta Awissu 2018, il-Bank of Valletta ddepozitat s-somma ta' tlieta u tletin elf sitt mija u wiehed u sittin Ewro u ghaxar centezmi (€33,661.10) flimkien ma hames mija u sitta u erbghin euro u wiehed u hamsin centezmu (€546.51) spejjez u drittijiet ta' dina l-procedura li jiffurmaw ta' erbgha u tletin elf, mitejn u seba Ewro u wiehed u sittingh centezmu (€34,207.61) u dan in ottemperanza mal-ordni moghti mill-Onorabbli Qorti. Kopja ta din ic-cedola hija hawn annessa u mmarkata bhala Dok '**TB**'1.

3. Illi fit-28 ta' Awissu 2018, giet pprezentata kawza fil-mertu ghal-jedd msemmi fil-mandat bejn il-partijiet kontendenti, liema kawza qeghda tiprocedi quddiem dina l-Onorabbli Qorti kif presedjuta, fl-atti tar-Rikors Guramentat odjern. Illi l-ewwel dehra ta din il-kawza kienet nhar is-27 ta' Novembru 2018 u gie appuntat l-assistant gudizzjarju Dr Jonathan Spiteri u qeghdin jingabru l-provi quddiemu. Illi madanakollu, huwa biss tramite dan ir-rikors ta' revoka fejn issa qed jittresqu l-pregudizzjali hemm indikati, iktar minn sitt xhur wara l-hrug tal-mandat.

4. Illi permezz ta' kontro-mandat datat 5 ta' Marzu 2019 (kopa legali annessa u mmarkata bhala **Dok TB1**) r-rikorrent nomine pprezenta kontro-mandat sabiex jirregola ruhu.

5. Illi dippiu', r-rikorrent nomine pprezenta wkoll mandat ta' sekwestru kawtelatorju iehor datat 5 ta' Marzu 2019 sabiex jikkawtela l-pretensjonijiet tieghu fil-kawza fl-istess ismijiet fl-atti tar-rikors guramentat 867/2018RM. (kopja legali ta liema qed tigi hawn annessa bhala **Dok TB2**) b'zieda ta' ammont ta' sekwestratarji ohra ladarba s-somma li qed tigi kkawtelata ma gietx depozitata fir-registru ta din l-Onorabbli Qorti.

6. Illi ghaldaqstant r-rikorrent nomine jeceppixxi bir-rispett illi l-mertu tar-rikors tas-socjeta konvenuta ai termini tal-Artikolu 836(1)(a) tal-Kap 12 issa

gie ssorvolat u dan ghaliex gie pprezentat kontro-mandat ghal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 1276/2018.

7. Illi in oltre, r-rikorrent nomine jeccepixxi bir-rispett illi f'kull kaz ma jezistux l-estremi ghall-penali ai termini tal-Artikolu 836(8) u dan ghaliex s-socjeta konventa ma garrbet l-ebda pregudizzju kawza ta' dak li gara u l-kawza fil-mertu u t-talbiet tar-rikorrenti nomine ghadha qed tiehu l-kors taghha quddiem dina l-istess Onorabbli Qorti,

8. Illi r-rikorrent nomine jissottolinja illi kif tenniet l-Onorabbli Qorti fid-decizjoni fl-ismijiet al-10 ta` Awissu 2012 fl-atti tar-rikors mahluf nru 164/12 JRM fl-ismijiet : "***Jamar Malta Limited (C45236) vs Office Group Limited (C39197***)" : ghat-thassir tal-mandat ta` sekwestru kawtelatorju nru 609/2012 ipprezentat nhar l-4 ta` Mejju 2012 fl-ismijiet il-Qorti qalet hekk dwar l-Art 836(8) tal-Kap 12 :-

*Illi dwar il-kwestjoni tal-impozizzjoni tal-penali, irid jingħad li din hija sanzjoni* ***fakoltativa****. Il-Qorti, fid-diskrezzjoni tagħha, tista' taqbel li tgħabbi lil min ikun ħareg Mandat kawtelatorju kontra persuna, u fuq talba ta' din, b'piena ta' ħlas ta' penali.* ***Minbarra li tali impozizzjoni hija fakultativa****, irid jintwera għas-sodisfazzjon tal-Qorti li trid tkun seħħet waħda mic-cirkostanzi maħsubin mil-ligi biex tali sanzjoni tigi imposta. Erbgħa (4) huma c-cirkostanzi maħsuba mil-ligi f'dan ir-rigward u, ladarba huma sanzjoni punittiva, għandhom jitqiesu strettament bħala tassattivi izda bizzejjed li tirrizulta waħda minnhom biex il-Qorti tista' taccetta li tqis it-talba għall-kundanna tal-ħlas tal-penali. Dwar din id-diskrezzjoni ngħad li l-Qorti hija tenuta li timponi l-penali fejn ikunu jirrizultaw l-estremi li l-ligi tezigi biex din tkun imposta, u l-Qorti tista' biss tagħzel li ma timponix il-penali maħsuba fl-artikolu 836(8) f'kazijiet estremi fejn is-sens ta' gustizzja hekk kien jimponilha. Il-penali maħsuba fl-imsemmi artikolu 836(8) tal-Kap 12 hija waħda ta' ordni pubbliku immirata li tizgura serjeta' fil-process gudizzjarju u biex ma tħallix li l-istitut tal-Mandati kawtelatorji jintuza b'abbuz.*

9. Illi in vista tal-premess, r-rikorrent esponenti umilment jissottometti lil din l-Onorabbli Qorti illi ma sar l-ebda abbuz tal-istitut tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju u il-mandat ta' sekwestru kkontestat bl-ebda mod ma sar b'mod frivolu jew malizjuz. Illi mhux talli dan ma kienx malizjuz jew frivolu izda tant illi permezz tal-mandat ta' sekwestru in kwistjoni inqabbdu biss kwart – tas-somma pretiza mir-rikorrent nomine rapprezentanti rebh li ma thallasx lir-rikorrent mis-socjeta konvenuta. Ghaldaqstant ghandu jkun palesi illi l-Mandat ta Sekwestru lamentat kien altru milli mehtieg sabiex l-esponenti jqieghed fiz-zgur il-pretensjonijiet tieghu.

10. Inoltre, s-socjeta intimate ma soffriet assolutament l-ebda pregudizzju bil-fatt illi l-kawza fil-mertu giet prezentata jum wiehed biss tardivament, tant li stenbhet biss b'dan il-fatt sitt xhur wara, u ghaldaqstant certament li ma jirrizultawx l-estremi sabiex jitqies li hemm lok ghall-impozizzjoni tal-penali ai termini tal-Artikolu 836 tal-Kap 12

Rat l-atti kollha tal-kawża inkluż l-atti tal-mandat ta' sekwestru numru 1276/2018 u dawk annessi mar-rikors u mar-risposta;

Rat illi l-mandat ta' sekwestru de quo gie revokat fuq rikors tas-sekwestrant prezentat fil-5 ta' Marzu 2019 bir-raguni moghtija: "sabiex ir-rikorrenti jirregola ruhu ahjar".

Rat illi fl-istess jum tal-5 ta' Marzu 2019 is-sekwestrant ipprezenta rikors u ottjena l-hrug ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju iehor[1]kontra l-istess socjeta' sekwestrata ghas-somma ta' €120,300.

[1] Nru. 291/2019

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Avukati tal-partijiet fl-udjenza tas-6 ta' Marzu 2019 limitatament ghat-tieni talba rigwardanti l-penali, in kwantu illi l-mertu tal-ewwel talba gie ezawriet fil-mori mar-revoka tal-mandat;

Rat il-verbal tas-6 ta' Marzu 2019 fejn il-kawża tħalliet għal-lum għall-provvediment finali dwar it-tieni talba.

Ikkunsidrat;

**Fatti Anteċedenti dawn il-Proċeduri.**

Illi fis-7 ta' Awwissu 2018 l-Av. Thomas Bugeja bħala mandatarju speċjali ta' COMBE OU, kumpanija reġistrata l-Estonja, liema kkumpanija aġixxiet f'isem Ingmar Hoppner, ottjena l-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju fis-somma ta' mija u għoxrin elf u tlett mitt ewro (€120,300), liema ammont huwa allegatament dovut wara li Ingmar Hoppner rebaħ dan l-ammont minn logħob tal-azzard fuq sit eletroniku partikolari amministratta mis-soċjeta sekwestrata iżda liema ammont ġie kkonfiskat mis-soċjeta Everymatrix Ltd u ma ġiex imħallas lil Ingmar Hoppner.

Illi fit-28 ta' Awwissu 2018, il-mandatarju speċjali istitwixxa kawża għan-nom ta' Ingmar Hoppner bil-pretensjonijiet tiegħu kontra s-soċjeta' sekwestrata.

Illi bir-rikors odjern ippreżentat fit-8 ta' Frar 2019, is-soċjeta konvenuta qed tilmenta li l-azzjoni ġiet istitwieta tard u dan għaliex ai termini tal-Artikolu 843 (1) tal-Kapitolu 12, ir-rikorrent kellu jippreżenta l-pretenzjonijiet tiegħu fi żmien għoxrin jum mid-data tal-ħruġ tal-mandat u għalhekk il-kawża kellha tiġi istitwita sas-27 t'Awwissu 2018.

Illi in segwietu ta' dan, is-soċjeta Everymatrix Ltd qed titlob lil din il-Qorti tirrevoka l-mandat ta' sekwestru bin-numru 1276/2018 ai termini tal-Artikolu

836 (1) (a) tal-Kapitolu 12 u tikkundanna lis-sekwestrant nomine jħallas il-penali ai termini tal-Artikolu 836 (8) (a) tal-Kapitolu 12.

Illi fil-5 ta’ Marzu 2019 is-sekwestranbt nomine irtira l-Mantat ta’ Sekwestru kawtelatorju bin-numru 1276/2018 u intavola Mandat ta’ Sekwestru kawtelatorju ieħor din id-darba għan-nom ta’ Ingmar Hoppner li jġib in-numru 291/2019. B’dan għalhekk, din il-Qorti ma jeħteġilix tiddeċiedi fuq l-ewwel talba tas-soċjeta konvenuta.

Jonqos iżda li tiġi kkunsidrata u deċiża t-tieni talba tas-soċjeta konvenuta.

Ikkunsidrat

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti.**

Illi l-**Artikolu 836 (8) (a) tal-Kapitolu 12** jipprovdi li

**(8) Il-qorti tista’ tikkundanna lir-rikorrent li jkun inħareġ att kawtelatorju fuq talba tiegħu sabiex iħallas penali ta’ mhux inqas minn elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69) u mhux iżjed minn sitt elef disa’ mija u tmienja u tmenin euro u tnax-il ċenteżmu (6,988.12) li jmorru għand il-persuna li kontriha jkun inħareġ l-att kawtelatorju, f’kull każ minn dawn li ġejjin:**[2]

**(a) jekk ir-rikorrent, mingħajr raġuni valida, ma jagħmilx il-kawża dwar it-talba fiż-żmien stabbilit bil-liġi;**

Illi s-sub-artikolu hawn iċċitat jagħti diskrezzjoni lill-Qorti jekk timponiex penali kontra l-persuna li tkun ippreżentat l-att kawtelatorju a favur tal-persuna li kontriha jkun ġie ppreżentat l-att kawtelatorju, u dan fl-erba’ każijiet indikati f’paragrafi (a) sa (d) tal-istess sub-artikolu. Fid-deċizzjoni

[2] Enfażi tal-Qorti.

mogħtija fit-23 ta' Awissu 2018 minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet "Fl-atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Kontro-Mandat għall-Mandat ta' Sekwestru Numru 1508/02 fl-ismijiet:**Joseph Demicoli vs. Coleiro General Supplies Ltd** (Rik Nru 77/18 JRM) intqal hekk dwar dan is-sub-artikolu:-

"Illi dwar il-kwestjoni tal-impożizzjoni tal-penali, irid jingħad li din hija sanzjoni fakoltativa. Il-Qorti, fid-diskrezzjoni tagħha, tista' taqbel li tgħabbi lil min ikun ħareġ Mandat kawtelatorju kontra persuna, u fuq talba ta' din, b'piena ta' ħlas ta' penali. Minbarra li tali impożizzjoni hija fakultativa, irid jintwera għas-sudisfazzjon tal-Qorti li trid tkun seħħet waħda miċ-ċirkostanzi maħsubin mil-liġi biex tali sanzjoni tiġi imposta. [...] Dwar din id-diskrezzjoni ngħad li l-Qorti hija tenuta li timponi l-penali fejn ikunu jirriżultaw l-estremi li l-liġi teżiġi biex din tkun imposta, u l-Qorti tista' biss tagħżel li ma timponix il-penali maħsuba fl-artikolu 836(8) f'każijiet estremi fejn is-sens ta' ġustizzja hekk kien jimponilha. Il-penali maħsuba fl-imsemmi artikolu 836(8) tal-Kap 12 hija waħda ta' ordni pubbliku immirata li tiżgura serjetà fil-proċess ġudizzjarju u biex ma tħallix li l-istitut tal-Mandati kawtelatorji jintuża b'abbuż; "

Fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Novembru, 2004 (Appell Civili Numru. 13/2002/3) "**Wara l-atti tal-mandat ta' inibizzjoni nru. 86/98 fl-ismijiet: Lawrence Tabone pro. et. noe. v. Raymond Tabone"** intqal kif ġej:-

"Huwa pacifiku li, minkejja li l-ligi tal-procedura tispecifika kjarament liema huma dawk il-kazi li fihom ghandha tapplika s-sanzjoni ta' imposizzjoni ta' penali, il-poter vestit fil-Qorti jibqa' dejjem wiehed ta' natura diskrezzjonali. Fi kliem iehor, il-Qorti m'hijiex obbligata li bilfors u f'kull kaz li jkun, timponi penali u dan ghaliex il-ligi tghid biss li "Il-Qorti tista'…." (sottolinear talQorti) u mhux "ghandha".

Ghalkemm l-ewwel kaz kif ipprospettat fl-Artikolu 836(8) huwa meta r-rikorrent jonqos milli jistitwixxi kawza fiz-zmien stabbilit bil-ligi, jirrizulta li

f'dan il-kaz ir-rikorrenti bhala fatt ipprezentaw kawza kontra l-appellant. .................Gustament – u korrettement fil-fehma ta' din il-Qorti – l-ewwel Qorti ikkunsidrat is-segwenti:

(i) li hu fid-diskrezzjoni tal-Qorti jekk din ghandhiex timponi penali jew le fil-kaz idoneju;

(ii) li bhala fatt l-appellati kienu ppropunew kawza in sostenn tal-mandat mahrug fuq talba taghhom;

- omissis -

(v) li hawnhekk "certament ma kienx il-kaz li l-intimati kapriccozament, bi traskuragni jew ghax ma kienux konvinti mill-pretensjonijiet taghhom, naqsu li jintavolaw il-kawza fiz-zmien stipulat wara l-hrug ta' mandat."

Ikkunsidrat;

Illi Mandat kawtelatorju jinħareġ bir-responsabbiltà ta' min ikun talbu u jintalab bil-ħsieb li jqiegħed fiż-żgur il-jeddijiet tiegħu. Kull ma jeħtieġ sabiex wieħed jottjeni l-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju huwa li jagħmel dikjarazzjoni ġuramentata dwar l-ammont li huwa jrid jikkawtela u l-Qorti tordna l-ħruġ ta' tali mandat mingħajr prattikament l-ebda indaġini.

Huwa għalhekk li kwalunkwe persuna li tikseb Mandat kawtelatorju għandha ssegwi b'reqqa l-provvedimenti tal-liġi.

Illi fil-każ in eżami huwa paċifiku illi l-kawża fil-mertu ġiet intavolata wiehed u għoxrin (21) jum wara li ħareġ il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju *de quo,* ġurnata aktar mit-terminu stabbilit mil-liġi.

Huwa minnu illi t-terminu legali inqabez b'ġurnata waħda biss. Huwa minnu wkoll illi dan mhux każ fejn wieħed ottjena l-ħruġ ta' mandat kawtelatorju imbagħad ittraskura u ma ppreżentax kawża jew ippreżentaha ġimgħat jew xhur wara. Izda huwa minnu wkoll li dawn it-termini huma ta' ordni pubbliku u għandhom jigu osservati *ad unguem*.

Nonostante li l-paragrafu (a) tas-subartikolu 8 tal-Artikolu 836 jagħmel referenza għal "raġuni valida" is-sekwestrant ma jagħti l-ebda raġuni għal dan in-nuqqas, anke jekk huwa wieħed qasir.

Ikkunsidrat;

Illi l-Qorti ħadet ukoll in konsiderazzjoni l-fatt illi s-soċjeta sekwestrata ħalliet sitt xhur jgħaddu qabel ma talbet il-ħruġ tal-kontro-mandat relattiv u l-ħlas tal-penali.

Illi kif ġie osservat minn din il-Qorti diversament preseduta fil-provvediment tat-8 ta' Frar 2017 fl-ismijiet **Joseph Gauci et vs. Trebee Company Limited** (Rik Nru 1123/2016MH): "huwa veru illi l-imposizzjoni tal-penali hija intiza biex ma jsir ebda abbuz mill-process gudizzjarju, pero il-milqut b'att kawtelatorju irid jghin lilu innifsu f'cirkostanzi fejn suppost qieghed ibaghti xi pregudizzju. Ghal xhur twal jidhru li r-rikorrenti ma kellhom ebda interess f'dan. Pero dana m'ghandux jesonera ghal kollox lis-sekwetranti li naqsu li jaraw li l-kawtela mitluba titnehha darba li ma segwewx id-dettami tal-ligi fil-presentata tar-rikors guramentat."

Illi s-sub-artikolu (8) tal-Artikolu 836 jistabilixxi minimu u massimu tal-penali applikabbli.

Illi fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet il-Qorti qed tikkonkludi illi n-nuqqas tas-sekwestrant kien wieħed ta' negliġenza u mhux abbuż tal-proċedura. Din il-Qorti hija tal-fehma li hemm raġunijiet suffiċjenti sabiex

is-sekwestrant jiġi kkundannat iħallas lis-soċjeta sekwestrata l-penali kif mitlub iżda din għandha tkun fil-minimu tagħha u ċioe ta’ €1,164.69.

**DECIDE**

Għal dawn il-motivi l-Qorti qiegħda tipprovdi dwar ir-Rikors tas-soċjeta EveryMatrix Ltd tat-8 ta' Frar 2019 bil-mod segwenti:

1. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel talba in kwantu l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 1276/18 fl-ismijiet premessi ġie revokat fil-mori;

2. Tilqa’ t-tieni talba u tikkundanna lis-sekwestrant nomine intimat iħallas lis-sekwestrat rikorrenti penali fis-somma ta' elf, mija u erbgħa u sittin ewro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69).

Bl-ispejjeż kontra l-intimat sekwestrant nomine..

**Moqrija**.

**Onor. Robert G. Mangion LLD**
**Imħallef**

**Lydia Ellul**
**Deputat Reġistratur**